MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru 205/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Vincent Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Vincent Farrugia ta’ 24 sena imwieled Pieta` nhar l-1 ta’ Gunju 1977 bin Alfred u Carmen nee Galea u li joqghod Block F2 Flat 2, Triq in-Nasba Mosta, detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 296777 M.

Akkuzati:

1. talli bejn id-9 u l-10 ta’ Novembru, 2001 bejn is-2.15 am u l-5.00 am gewwa Triq il-Hawha San Gwann ikkommettejt serq ta’ apparat ta’ ‘Hi-Fi’ u cioe’ erba’ speakers u par woofers tal-ghamla ‘Dragster’ u amplifikatur tal-ghamla ‘Pioneer’, minn gewwa vettura Numru IBB201 tal-ghamla Honda a detriment ta’ Alan Farrugia minn San Giljan, liema serq huwa aktar minn mitt lira Maltin izda ma jeccedix l-valur ta’ elf lira Maltin, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263 (a), 267, 270, 271 (g), 278 (3), 279 (a), 280 (2) u 281 (b);

2. talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar xhur, xjentement f’Malta laqa’ ghandu jew xtara, hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahhal sabiex ibieghhom jew imexxi dawn l-oggetti. Ai termini tal-Artikolu 334 (a) (b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-imputat Vincent Farrugia jirregistra ammissjoni fl-udjenza tal-lum f’liema ammissjoni ppersista anke wara li nghata zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma ta’ serq aggravat u in alternattiva ta’ ricettezzjoni.

L-ammissjoni hi wahda volontarja u nkondizzjonata.

Rat ghalhekk l-Artikolu 261 (b) (c) (f) (g), 270, 271 (g), 278 (3), 279 (a), 280 (2) u 281 (b) tal-Kap 9.

Ikkonsidrat li r-refurtiva giet ritornata lid-derubat.

Tiddeciedi li tilliberah taht l-Artikolu 9 tal-Kap 183 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ghal perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------